MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2014

Numru 49/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Francis Grech ta' 34 sena, iben Nazzareno u Mary Rose nee` Spiteri, imwieled il-Pieta` nhar it-22 ta' Novembru 1965 u residenti fi 112, Triq l-Ifran, Valletta detentur tal-Karta ta' l-Identita` Nru. 535565M.**

Il-Qorti

Rat l-Att tal-Akkuża numru 49 tas-sena 2010 kontra l-akkużat Francis Grech li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga, waqt li kienu qegħdin jagħmlu l-investigazzjonijiet ġewwa l-*arrivals lounge* fl-Ajurport Internazzjonali ta'

Malta fuq informazzjoni li huma kienu rċevew, waqqfu lil **Francis Grech** li kien għadu kemm wasal Malta mill-Ajruport ta’ Heathrow fl-Ingilterra permezz tat-titjira ta’ l-Air Malta numru KM 103.

Mill-investigazzjonijiet li saru fuq il-post il-pulizija saħħet is-suspetti illi **Francis Grech** seta kien qed iġorr miegħu xi kapsoli ta’ droga illegali u talbuħ sabiex imorru l-isptar Mater Dei għal aktar investigazzjonijiet. Minn hemmhekk irriżulta illi **Francis Grech** kien qed iġorr ġewwa l-persuna tiegħu sitt (6) kapsoli allegatament kontenenti d-droga Herojina, liema kapsoli huwa kien inserihom qabel ma’ wasal fil-Gżejjer Maltin.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija rriżulta li **Francis Grech**, tul dawn l-aħħar sentejn, kien regolarment imur jiltaqa’ ma’ persuna ta’ karnaġġjon skura fl-Ingilterra biex jakkwista d-drogra illegali Herojina u mbagħad xjentement jimportaha fil-Gżejjer Maltin. Illi rriżulta wkoll illi **Francis Grech** kien diġa xjentement importa d-droga illegali Herojina f’Malta b’dan l-istess mod għal bejn tmienja (8) u disgħa (9) darbiet u kull darba jimporta f’Malta bejn 90gr u 100gr ta’ droga illegali Herojina.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtoriżża l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi **Francis Grech** b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tad-19 ta’ Jannar 2007 instab ħati ta’ delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta’ sitt (6) xhur priġunerija;

Illi **Francis Grech** b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tad-29 ta’ Mejju 2007 instab ħati ta’ delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta’ għaxar (10) xhur priġunerija, liema perjodu ġie sospiż għal terminu ta’ sentejn (2);

Illi **Francis Grech** b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-18 ta’ Lulju 2008 instab ħati ta’ delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta’

ħames (5) xhur priġunerija, liema perjodu ġie sospiż għal terminu ta’ sena (1);

Illi b’għemilu l-imsemmi **Francis Grech**, reċidiv f’delitt, sar ħati talli, waqt li kien qiegħed fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiża, b’diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b’riżoluzzjoni waħda importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista’ tiġi importata mediċina perikoluża (herojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe’ meta’ ma kellhux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanża li tawtoriżża l-importazzjoni ta’ dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi **Francis Grech**, reċidiv f’delitt, ħati talli, waqt li kien qiegħed fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiża, b’diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b’riżoluzzjoni waħda importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista’ tiġi importata mediċina perikoluża (herojina) f’ Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanża li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oġġett; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ għomor il-ħabs u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 17, 18, 23, 28B, 28F, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-tieni Kap illi fl-istess żminijiet u taħt l-istess ċirkostanzi msemmija fl-

Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża u ċioe' fil-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u s-sentejn (2) ta' qabel, **Francis Grech** kien regolarment, jitla' l-Ingilterra sabiex jiltaqa' ma' persuna ta' karnaġġjon skura u jakkwista d-droga illegali Herojina. Irriżulta wkoll illi Francis Grech għamel dan il-vjaġġ għal madwar tmienja (8) jew disgħa (9) darbiet u f'kull darba jimporta ammont ta' droga Herojina li jiswa madwar elfejn Ewro (€2,000). Francis Grech kien jimporta illegalment l-imsemmija droga Herojina fil-Gżejjer Maltin bil-għan li jittraffikaha lil terzi persuni ġewwa Malta. B'hekk hu kien iġib lura l-ammont ta' flus li jkun nefaq biex jakkwista l-imsemmija droga illegali. **Francis Grech** kien ittraffika illegalment fid-droga herojina fil-Gżejjer Maltin b'dan il-mod għal perjodu twil ta'żmien u kien jittraffika b'dan l-imsemmi mod kull darba li mporta Ilegalment l-imsemmija droga mill-Ingilterra.

Illi **Francis Grech**, kien ukoll ftiehem ma' numru ta' persuni oħra ġewwa Malta sabiex ikun jista' jittraffika fid-droga illegali herojina ġewwa l-Gżejjer Maltin u dan billi jipprokura d-droga Herojina mingħand dawn l-imsemmija persuni u mbagħad jittraffikaha illegalment lil terzi persuni f'dawn il-Gżejjer. Illi **Francis Grech** kien ilu jittraffika illegalment fid-droga Herojina fil-Gżejjer Maltin b'dan l-imsemmi mod għal madwar sena u nofs jew sentejn.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi **Francis Grech** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar 2007 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' sitt (6) xhur priġunerija;

Illi **Francis Grech** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Mejju 2007 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' għaxar (10) xhur priġunerija, liema perjodu ġie sospiż għal terminu ta' sentejn (2);

Illi **Francis Grech** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2008 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' ħames (5) xhur priġunerija, liema perjodu ġie sospiż għal terminu ta' sena (1);

Illi b'għemilu, l-imsemmi **Francis Grech**, reċidiv f'delitt, sar ħati talli, waqt li kien qiegħed fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorità apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil- pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi **Francis Grech**, reċidiv f'delitt, sar ħati talli, waqt li kien qiegħed fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorità apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil- pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni

għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi u r-regola 4(a) tar- Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [G.N. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 17, 18, 23, 28B, 28F, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-istess żminijiet u taħt l-istess ċirkostanzi msemmija fil-Kapi ta' Akkuża preċedenti u ċioe` fil-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u s-sentejn (2) ta' qabel, **Francis Grech**, mal-wasla tiegħu f'Malta minn titjira mill-ajruport ta' Heathrow numru KM 103, huwa kien qiegħed xjentement iġorr fl-intern ta' ġismu sitt (6) kapsoli allegatament kontenenti d-droga illegali herojina. Illi din l-imsemmija droga ma kienitx intiża għall-użu personali ta' **Francis Grech.** Illi minn aktar investigazzjonijet irriżulta li **Francis Grech** kien qed iġorr madwar disgħin punt erba' grammi (90.04gr) ta' droga Herojina b'purita` ta' madwar tmienja u erbgħin punt tmienja fil-mija (48.8%) u li għandha valur ta' madwar erbat elef, mija u tnejn u erbgħin Ewro (€4,142).

Illi din kienet it-tmien (8) jew disa' (9) darba illi **Francis Grech** kien fil-pussess xjenti tad-droga herojina billi jinserixxi f'ġismu l-kapsoli kontenti d-droga illegali Herojina u jimpurthom fil-Gżejjer Maltin.

Illi **Francis Grech** kien ukoll fil-pusess xjenti tad-droga heroijina waqt illi kien qiegħed jittraffika illegalment l-imsemmija droga fil-Gżejjer Maltin kif imsemmi fit-tieni Kap ta' Akkuża

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanża perikoluża.

Illi **Francis Grech** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar 2007 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' sitt (6) xhur priġunerija;

Illi **Francis Grech** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Mejju 2007 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' għaxar (10) xhur priġunerija, liema perjodu ġie sospiż għal terminu ta' sentejn (2);

Illi **Francis Grech** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2008 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' ħames (5) xhur priġunerija, liema perjodu ġie sospiż għal terminu ta' sena (1);

Illi d-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar iil-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu, l-imsemmi **Francis Grech**, reċidiv f'delitt, sar ħati talli, waqt li kien qiegħed fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew

iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi **Francis Grech**, reċidiv f'delitt, sar ħati talli, waqt li kien qiegħed fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939

għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 17, 18, 23, 28B, 28F, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Ratilli waqt s-seduta tas-6 ta' Jannar 2014, l-akkużat mistoqsi jekk huwiex ħati skont l-Att al-Akkuża, wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tiegħu fl-Att tal-Akkuża;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li hua kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Francis Grech, ħati talli:

1. Bejn il-ħdax u t-tnax ta' Mejju 2009 u fis-sentejn ta' qabel, bħala reċidiv u waqt li kien fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (herojina) f'Malta bi ksur tad-ispożizzjonijiet tal-Ordinanaza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett;

2. Bejn il-11 u t-tnax ta' Mejju 2009 u fis-sentejn ta' qabel, bħala reċidiv u waqt li kien qiegħed fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga Herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bi-regoli tal-1939 għall-kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru reponsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-

importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga;

3. Bejn il-11 ta' Mejju u t-12 ta' Mejju u fis-sentejn ta' qabel, bħala reċidiv u waqt li kien qiegħed fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Rat ir-rikors konguntiv tal- Avukat Generali u tal- akkuzat Francis Grech ta' llum 6 ta' Jannar, 2014.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie ffurmat il-ġuri. Li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Qieset il-piena li ngħatat minn din il-Qorti fil-każijiet u tagħhom inżamm record. Minħabba li dan il-każ kien xi ftit

differenti minn każi oħra tal-istess ġeneru minn dawk li ngħataw sentenzi dwarhom mill-Qorti Kriminali, din il-Qorti eżaminat ukoll xi każi tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri. Iżda f'dawn il-każi ma kienx applikat l-artikolu 18 tal-Kap 9.

**Punt Tekniku**

Dan l-artikolu jiddisponi kif ġej:

***' Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontiwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.'***

Il-Professur Sir Anthony Mamo jikkummenta hekk dwar dan l-artikolu:

'But where the agent offends, by his repeated violations, against the same provision of the criminal law, then the several determinations accompanying the several violations seem to merge themselves, at any rate in a general way, in one single intent, and this fact seems **to create the necessity of consolidating the several violations into one single offence.'**[1]

Għalhekk il-Qorti żammet x'jgħid l-artikolu 18 tal-kap 9 dwar ir-reat kontinwat u l-ispjegazzjoni li jagħti l-Professur Mamo ta' kif tinħadem il-piena f'ċirkostanzi bħalma kien hemm f'dan l-Att tal-Akkuża hija u teżamina bir-reqqa l-ftehim li sar bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża.

Barra dan kollu , il-Qorti għarblet ukoll il-punti segwenti:

(i) Skont sottomissjoni tad-difiża, waqt li l-akkużat inqabad fil-fatt bejn il-11 u tnax ta' Mejju ta' Mejju 2009, il-prova dwar l-atti l-oħra toħroġ biss mill-istqarrija li l-imputat

[1] Notes on Criminal Law Part 1 paġina 170.

għamel fit-12 ta' Mejju, 2009 (ara fol 28, 29, 30 tal-proċess).

(ii) Ir-regoli ġenerali li għandhom iservu ta' gwida f'każi fejn tkun irreġistrata ammissjoni joħorġu mis-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta kontra Nicholas Azzopardi tal-24 ta' Frar 1997 u mis-sentenza 'Il-Pulizija vs Emmanuel Testa' tas-17 ta' Lulju, 2002. Kien f'din l-aħħar sentenza li saret referenza għal dak li jidher fl-edizzjoni tal-Blackstone tas-sena 2001.'

(iii) Qieset ukoll, li skont l-artikolu 17(h) tal-kap 9, l-ewwel u t-tielet Kap tal-akkuża jistgħu jitqiesu mezz għall-fini għat-tieni kap tal-akkuża.

Meta l-Qorti kkonsidrat dawn l-elementi kollha ddeċidiet li l-piena komprensiva li fuqha sar qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża hija fil-parametri tal-Liġi uwaħda li din il-Qorti tista' taċċetta.

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regolamenti 4 u 9 tar-regolamenti 292/1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u l-artikoli 17, 18, 23, 28B, 28F 31, 49, 50 u 533 tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-ħati Francis Grech għall-piena ta' tmien (8) snin priġunerija flimkien ma' multa ta' tlieta u għoxrin elf Ewro (€23,000) li tigi konvertita f' sena priguerija f'nuqqas ta' hlas.

Inoltre tikkundannah iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma tal-import tal-Ispejjeż Peritali inkorsi f'din il-kawża u ċioe' disa' mija u disa' Ewros u disgħa u sittin ċenteżmu (€909.69) liema spejjeż peritali, jekk ma jitħallsux, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli jew immobbli oħra tal-ħati;

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota – li għandha tiġi pprezentata fi żmien ħmistax-il jum mil-lum – li d-droga esibita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esibita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura  tal-Assistant Reġistratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------